KUNSILL LOKALI
QALA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 45

30 ta' Settembru 2026

Il-Kunsilli Lokali Qala iltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku, li jinsab fi Triq l-Isqof M. Buttigieg, Qala fil-4:15 ta' filgħaxija

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku

Noel Mizzi – Viċi Sindku

Rene' Abela – Kunsillier

Karl Buttigieg – Kunsillier

Valerie Cassar Meilak - Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI [Skont Ordni Permanenti 14A(3)]:

Ħadd.

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jeanette Grima – Aġent Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA 45

45.1 Talba

45.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

45.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti Nri 43 u 44;

45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

45.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

45.6 Komunikazzjoni mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv;

45.7 Fanali ġodda – roundabout fi Triq Wied is-Simar;

45.8 Aġġornament dwar il-proġett – Ġnien il-Familja;

45.9 Tender – Triq il-Kunċizzjoni c/w Triq is-Salib;

45.10 Korrispondenza, materji amministrattivi, ilmenti u suġġerimenti;

45.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

45.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

Minuti

45.1 Talba

45.1.1 Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

45.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

45.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

45.3 Approvazzjoni tal-minuti preċedenti Nri 43 u 44

44.3.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-minuti tal-laqgħa numru 43 għadhom ma ntbagħtux mis-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel. Il-Kunsill għadda għall-minuti tal-laqgħa preċedenti Nru.44 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mil-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

45.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

45.4.1 Is-Sindku ta merħba lis-Segretarju Eżekuttiv l-ġdida, is-Sa Jeanette Grima, u esprima s-sodisfazzjon tiegħu li hija ngħaqdet mal-Kunsill. Is-Sindku nnota wkoll li s-Sa Grima diġà bdiet il-ħidma tagħha u qed tindirizza u ssolvi diversi kwistjonijiet li kienu ilhom pendenti għal żmien twil. Għal dan, is-Sindku rringrazzjaha u awguralha kull suċċess fil-ħidma tagħha, filwaqt li esprima l-ħerqa tiegħu li jkompli jikkollabora magħha għall-ġid tal-Kunsill u tal-komunità.

45.4.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attività "Pasta Night", organizzata mill-Kunsill fit-18 ta' Settembru, kienet suċċess u attendew għaliha madwar 90 persuna. Huwa ħa l-opportunità biex jirringrazzja lill-istaff tal-Kunsill u lill-Għaqda tal-Briju għall-ħidma tagħhom u għall-kontribut li taw sabiex din l-attività setgħet tittella' b'suċċess.

45.4.3 Is-Sindku, f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qala, esprima l-akbar ringrazzjament u apprezzament lill-Arċipriet, Dun Edward Xuereb, għall-ħidma u s-servizz tiegħu lill-komunità tal-Qala matul iż-żmien li serva bħala Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala. Is-Sindku rringrazzja wkoll lil Fr Massimo Buttigieg għall-ħidma u l-kontribut siewi tiegħu fil-komunità tal-Qala, u awgura lit-tnejn li huma kull suċċess u l-għajnuna t'Alla fil-ħidma u fil-missjoni l-ġdida tagħhom. Bħala turija ta'

apprezzament għall-ħidma u s-servizz tagħhom, il-Kunsill ippreżentalhom rigal bħala sinjal ta' gratitudni. Fl-istess waqt, is-Sindku ta merħba lill-Arċipriet il-ġdid, Dun Gabriel Gauci, fil-kariga ta' Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala, kif ukoll lil Mons. John Muscat fil-kariga ta' Kollaboratur. Is-Sindku esprima l-konvinzjoni li, bħalma dejjem sar fil-passat, il-Kunsill se jkompli jaħdem b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa għall-ġid tal-komunità tal-Qala.

45.4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill, li l-Kunsill Lokali tal-Qala se jkun qed jorganizza sensiela ta' sezzjonijiet b'xejn għall-pubbliku ġenerali, li se jiffukaw fuq suġġetti importanti relatati mal-istress, is-saħħa fit-tul, it-tixjiħ b'saħħtu, l-uġigħ u l-għeja. Is-sezzjonijiet se jsiru fid-9 u fit-30 ta' Ottubru, kif ukoll fit-13 ta' Novembru, fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

45.4.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-Arċipriet sabiex jara jekk kienx possibbli li t-tinda li se titwaqqaf fil-pjazza titħalliex hemmhekk, sabiex tkun tista' tintuża għall-pussess tal-Arċipriet. Is-Sindku ħabbar ukoll li, wara arranġament mal-Għaqda tan-Nar ta' Ta' Kerċem, din aċċettat li t-tinda tintuża wkoll minnhom. B'hekk, it-tinda se tkun qed tintuża għal żewġ attivitajiet differenti.

45.4.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-*units* tal-għamara tal-Kunsill issa tqiegħdu u x-xogħol relatat magħhom tlesta. Tneħħa wkoll il-moll tat-tundjatura tal-wiċċ, u x-xogħol mistenni jitlesta kompletament fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku spjega li issa fadal jinbidlu l-purtieri. Kien hemm bżonn li jsir dan ix-xogħol peress li l-għamara u l-purtieri eżistenti kienu qodma u kienu ilhom jintużaw għal żmien twil. Is-Sindku enfasizza li l-ħaddiema li jaħdmu fil-Kunsill jixirqilhom li jkollhom l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol possibbli, u għalhekk il-Kunsill ħass li kien importanti li jsir dan it-titjib fl-ambjent tax-xogħol.

45.4.7 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġew installati żewġ *spotlights* biex idawlu l-faċċata tal-Kunsill. Dawn l-spotlights għandhom il-kapaċità li jibdlu l-kulur u, meta jkun hemm bżonn li tintuża xi kulur partikolari, dan jista' jiġi ssettjat skont l-okkażjoni. Is-sistema hija mgħammra wkoll b'timer, sabiex id-dwal ikunu jistgħu jinxteħlu u jintfew awtomatikament.

45.4.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, minħabba l-maltemp, waqgħu diversi ħitan tas-sejjieħ f'żoni differenti madwar il-Qala. Dawn reġgħu nbnew mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku rringrazzja lill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex għax-xogħol li sar u għall-ħidma tagħhom biex dawn il-ħitan reġgħu ngħataw l-istat oriġinali tagħhom.

45.4.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-attività ta' tindif li kienet skedata li ssir fil-Ġnien tal-Familja fl-20 ta' Settembru kellha tiġi posposta minħabba x-xita. L-attività ġiet għalhekk posposta għas-

26 ta' Settembru, fejn f'din l-okkażjoni sar tindif fiż-żona ta' madwar il-magni tal-BCRS fi Triq il-Wileġ.

45.4.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-magni tal-BCRS qed jintużaw b'mod konsiderevoli aktar milli kien mistenni. Huwa nnota li dawn spiss ikunu mimlija u jkollhom jitbattlu tlieta jew erba' darbiet kuljum. Għaldaqstant, is-Sindku talab sabiex il-magni jitbattlu b'mod aktar frekwenti, bil-għan li jiġi evitat li jibqgħu mimlijin u sabiex il-pubbliku jkun jista' jkompli jużahom b'mod normali.

45.4.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv bdiet taħdem mal-awdituri fuq il-Financial Audit tas-sena 2024, bil-għan li dan jiġi konkluż u jingħalaq. Fl-istess waqt, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qed tagħmel il-preparamenti meħtieġa sabiex il-Financial Audit tas-sena 2025 ikun jista' jitlesta u jingħalaq sa Diċembru ta' din is-sena.

45.4.12 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-isweeper tal-Kunsill ħadet in-nar. Sfortunatament, fil-ħin tal-inċident, il-magna kellha biss madwar 55 siegħa ta' użu. Is-Sindku esprima d-diżappunt tiegħu għall-fatt li kien hemm persuni li, minflok ma wrew dispjaċir għal dan l-inċident, dehru li ħadu pjaċir b'dak li ġara.

45.4.13 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie installat arblu ġdid fil-kantuniera ta' Triq Indipendenza ma' Triq ir-Rebħa. Is-Sindku spjega li f'din iż-żona minn dejjem kien hemm bozza tad-dawl. Meta nbena l-blokk ta' appartamenti, il-bozza kienet ġiet imwaħħla mal-arblu tal-Enemalta. Wara li tlesta x-xogħol, l-Enemalta talbet li l-bozza titneħħa. Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien tkellem ma' persuna li għandha proprjetà fl-inħawi sabiex jiġi evalwat jekk il-bozza setgħetx titwaħħal mal-proprjetà. Madankollu, il-persuna kkonċernata ma tatx il-kunsens tagħha biex il-bozza titwaħħal hemmhekk. Is-Sindku rrikonoxxa li l-persuna kellha kull dritt tirrifjuta. Għaldaqstant, il-Kunsill ordna arblu ġdid, dan l-arblu dam biex jasal u sussegwentement kien hemm bżonn li ssir it-toqba meħtieġa għall-installazzjoni tiegħu, liema xogħol ħa wkoll ftit taż-żmien. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kuntrattur kien għarraf lill-Kunsill li kien se jkun qed jinstalla arblu fil-viċin u li seta' jieħu l-opportunità sabiex jinstalla wkoll l-arblu tal-Kunsill. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-arblu ġie installat bl-użu ta' krejn u bl-assistenza tal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li issa, fil-jiem li ġejjin, tkun tista' tiġi installata wkoll il-bozza sabiex b'hekk jerġa' jkun hemm id-dawl f'dik iż-żona.

45.4.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-problema li kienet qed tinħoloq b'riżultat tal-ftuħ tas-supermarket il-ġdid, b'mod partikolari minħabba l-ħatt ta' merkanzija fit-triq li kien qed isir ta' kuljum, jidher li naqset b'mod konsiderevoli. Is-Sindku spjega li dan sar possibbli minħabba li s-supermarket kera żewġ garaxxijiet, wieħed faċċata tas-supermarket u l-ieħor fit-triq ta' fuq.

B'hekk, parti mill-operat u l-ħatt tal-merkanzija setgħu jiġu organizzati b'mod differenti, u b'hekk tnaqqas l-inkonvenjent fit-triq.

45.4.15 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, bħalma jsir kull sena fil-bidu tas-sena skolastika, it-tfal ingħataw merħba fl-ewwel jum tal-iskola permezz ta' karattru ħelu, li l-preżenza tiegħu ġiet iffinanzjata mill-Kunsill. Is-Sindku spjega li din hija inizjattiva żgħira iżda sabiħa, li għandha l-għan li tagħti merħba lit-tfal u tgħinhom jibdew l-ewwel jum tal-iskola b'mod pożittiv.

45.4.16 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġiet identifikata l-persuna responsabbli għall-ħsara li saret lill-fanal fir-roundabout ta' Patri Ġużepp Portelli. Is-Sindku informa wkoll li l-fanal il-ġdid diġà ġie ordnat u li l-Kunsill qed jistenna li jasal sabiex jiġi installat mill-aktar fis possibbli.

45.4.17 Is-Sindku informa lill-Kunsill li se jinfetħu n-nominazzjonijiet għall-Ġieħ il-Qala. Għaldaqstant, se jiġi ppubblikat avviż fuq il-paġni tal-midja soċjali tal-Kunsill sabiex il-pubbliku jkun jista' jiġi infurmat dwar il-ftuħ tan-nominazzjonijiet.

45.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.5.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa dwar il-fondi li kienu ġew allokati għall-proġett tal-Ġnien tal-Familja, u nnota li, fi żmien is-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel, il-Kunsill kien diġà qabel li dawn il-fondi jintużaw għall-proġett tas-soak-away. Is-Sindku spjega li s-soak-away se tkun inkluża wkoll fil-proġett. Il-Kunsillier Buttigieg staqsa jekk il-fondi disponibbli humiex se jkunu biżżejjed sabiex jitwettqu l-proġetti kollha previsti.L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li se tirrevedi l-BOQs sabiex tivverifika l-ispejjeż relatati mal-proġetti u tistabbilixxi x'jista' jitwettaq bil-fondi disponibbli. Ġie spjegat li l-ewwel prijorità għall-użu ta' dawn il-fondi hija l-proġett tas-soak-away. Jekk wara li jitwettaq dan ix-xogħol ikun għad fadal fondi disponibbli, dawn għandhom jintużaw għall-proġett ta' Tas-Salib. Ġie miftiehem li dan is-suġġett jerġa' jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

45.5.2 Il-Kunsillier Karl Buttigieg irrefera għall-isweeper li kienet issemmiet fid-diskors mis-Sindku u staqsa jekk din kinitx proprjetà tal-Kunsill Lokali tal-Qala jew tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ċċara li l-isweeper hija proprjetà tal-Ministeru għal Għawdex, iżda qed tintuża minn ħaddiem tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku spjega wkoll li, f'każ li ssir xi ħsara lill-isweeper, ir-responsabbiltà taqa' fuq il-Ministeru għal Għawdex.

45.5.3 Il-Kunsillier Karl Buttigieg informa lill-Kunsill li xtaq li jkun infurmat dwar il-karattri u r-rigali li tqassmu fl-iskola, peress li huwa responsabbli mid-dekasteru tal-Edukazzjoni. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv skużat ruħha għal dan in-nuqqas involontarju min-naħa tagħha u assigurat lill-Kunsillier Buttigieg li fil-futur se tinfurmah b'attivitajiet u inizjattivi relatati mad-

dekasteru tal-Edukazzjoni. Is-Sindku żied jgħid li lanqas hu ma kien infurmat minn qabel dwar din l-inizjattiva u li, meta ġie mgħarraf biha, mar liebes il-ħwejjeġ tax-xogħol.

45.5.4 Il-Kunsillier Karl Buttigieg informa lill-Kunsill li huwa konxju li hemm il-ħsieb li jsir l-proġett tal-Ġnien tal-Familja u id-dog park. Madankollu, huwa esprima t-tħassib tiegħu dwar l-istat attwali taż-żona u nnota li huwa inaċċettabbli li din tibqa' fl-istat li tinsab fih bħalissa. Il-Kunsillier Buttigieg spjega li hemm periklu konsiderevoli, partikolarment minħabba l-istat tal-equipment u d-dawl fiż-żona. Huwa nnota wkoll li diġà bagħat ritratti li juru l-kundizzjoni taż-żona u l-perikli relatati magħha. Is-Sindku wieġeb li l-ħsarat fiż-żurżieqa li kien semma l-Kunsillier Buttigieg kienu diġà ġew indirizzati**.** Il-Viċi Sindku spjega li d-dawl eżistenti mhux qed jixgħel u, sabiex ma jkunx hemm dlam fiż-żona, qed jintużaw żewġ floodlights mill-grawnd tal-futbol sabiex jipprovdu d-dawl meħtieġ.

45.5.5 Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar Triq it-30 ta' Ottubru. Huwa nnota li, issa li reġgħet bdiet ix-xita, il-problemi f'din it-triq komplew jiżdiedu. Spjega li din hija triq li għadha qatt ma ngħatat it-tarmac u li l-Kunsill għamel diversi kuntatti mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-bżonn li jsir dan ix-xogħol. Huwa semma wkoll li kien hemm diversi lmenti mill-pubbliku fuq il-midja soċjali, kif ukoll ilmenti li waslu għand il-Kunsillieri. Il-Kunsillier Buttigieg staqsa wkoll meta kien mistenni li t-triq tingħata t-tarmac għall-ewwel darba. Is-Sindku informa lill-Kunsill li tkellem mal-Ministru għal Għawdex fil-ġimgħa ta' qabel u li ilbieraħ stess reġa' tkellem mal-kuntrattur sabiex isir ix-xogħol meħtieġ. Il-kuntrattur informa lis-Sindku li, għalissa, ma jistax ilaħħaq max-xogħol minħabba li qed jaħdem fuq Triq Marsalforn. Il-Kunsillier Buttigieg innota wkoll li, meta tagħmel ix-xita, minħabba li t-triq tinsab f'niżla, l-ilma qed jinġabar u joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti. Is-Sindku spjega li parti sostanzjali mill-problema tal-ilma qed tkun ikkawżata mill-ilma li jinżel minn Triq il-Wardija. Huwa spjega li, qabel ma nbnew ċerti proprjetajiet fl-inħawi, l-ilma li kien jinżel minn Triq il-Wardija, Triq il-Ħotba u Triq Barbagan kien jgħaddi lejn l-għelieqi u eventwalment jinfirex fil-water table. Is-Sindku kompla jispjega li, wara l-iżvilupp ta' din iż-żona, sar gandott li jwassal għall-katusa, b'riżultat li l-ilma kollu qed jinġabar u jgħaddi lejn Triq it-30 ta' Ottubru, u b'hekk il-problema f'din it-triq kompliet tiggrava. Is-Sindku sostna li x-xogħol f'din it-triq għandu jsir mill-aktar fis possibbli sabiex jiġu indirizzati l-problemi eżistenti u jitnaqqas l-inkonvenjent għar-residenti.

45.5.6 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma wkoll il-problema tal-veloċità eċċessiva fit-Triq il-Mitħna u staqsa x'miżuri jistgħu jittieħdu sabiex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi, fosthom jekk ikunx possibbli li jiġu installati speed humps jew miżuri oħra ta' traffiku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk mit-Triq il-Mitħna jgħaddix it-trasport pubbliku, u s-Sindku kkonferma li minn din it-triq jgħaddi t-trasport pubbliku. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li, minħabba l-fatt li mit-triq jgħaddi t-trasport pubbliku, huwa diffiċli li jiġu installati speed humps. Madankollu, hija informat lill-Kunsill li se tikkuntattja lil Transport Malta sabiex jiġi evalwat x'miżuri oħra jistgħu jittieħdu biex tiġi indirizzata l-problema tal-veloċità f'din it-triq.

45.5.7 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ippropona li, fid-dawl tal-ħatra tal-Arċipriet il-ġdid, il-Kunsill jitlob laqgħa miegħu sabiex jiġu diskussi l-kollaborazzjoni u l-ħidma konġunta bejn il-Kunsill u l-Parroċċa. Il-Kunsillier Buttigieg issuġġerixxa li din il-laqgħa ssir eżatt wara l-laqgħa tal-Kunsill.

45.5.8 Il-Kunsillier Karl Buttigieg semma li, fil-laqgħa ta' Lulju, il-Kunsill kien iddeċieda li l-amministratur tal-paġna tal-Facebook tal-Kunsill għandu jkun is-Segretarju Eżekuttiv. Fid-dawl tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv il-ġdida, il-Kunsillier Buttigieg ippropona li hija tkun l-amministratur tal-paġna tal-Facebook tal-Kunsill.

45.5.8 Il-Viċi Sindku semma l-problema eżistenti fi Triq taċ-Ċawl, fejn it-triq qed tinżel u l-kundizzjoni tagħha qed toħloq periklu. Huwa spjega li din it-triq tintuża b'mod regolari mill-bdiewa li jgħaddu minnha b'makkinarju agrikolu, kif ukoll minn persuni li jkollhom bżonn jaċċessaw il-kmamar u l-proprjetajiet fl-inħawi bil-vetturi tagħhom. Il-Viċi Sindku nnota li, fl-istat attwali tagħha, it-triq qed toħloq diffikultà u periklu għal min jużaha.

45.5.9 Il-Viċi Sindku semma li diversi drabi talab sabiex tiġi installata bus stop fi Triq il-Qala. Huwa talab lil- Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex tikkuntattja lil Transport Malta biex jiġi evalwat il-possibbiltà li tiġi installata bus stop f'din iż-żona..

45.5.10 Il-Viċi Sindku semma l-ħtieġa li jiġu miżbugħa double yellow lines ħdejn il-bus bay fi Triq it-28 ta' April 1688. Huwa nnota li l-vetturi li qed jiġu pparkjati f'din iż-żona qed joħolqu periklu kbir għall-utenti tat-triq u qed jostakolaw l-użu xieraq tal-bus bay. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tikkuntattja lil Transport Malta sabiex tiġi evalwata u mwettqa din il-miżura, bil-għan li titjieb is-sigurtà f'din iż-żona.

45.5.11 Il-Viċi Sindku semma wkoll li, fil-viċinanzi tal-Kunsill, hemm żewġ gandotti relattivament kbar li jeħtieġu xogħol ta' patching. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-għada stess kienu mistennija jsiru x-xogħlijiet meħtieġa ta' patching. Huwa spjega li x-xogħol ma setax isir qabel minħabba li ma kienx hemm cold asphalt disponibbli.

45.5.12 Il-Kunsillier René Abela informa lill-Kunsill li diversi residenti kkuntattjawh dwar il-problema tal-veloċità eċċessiva fi Triq il-Wardija, partikolarment fiż-żona fejn infetħet is-side road. Huwa nnota li l-vetturi qed jgħaddu b'veloċità għolja u staqsa jekk kienx possibbli li tiġi installata speed hump sabiex titnaqqas il-veloċità f'dik iż-żona. Is-Sindku spjega li, fil-prinċipju, ma jkunx hemm problema li tiġi installata speed hump tal-plastik. Madankollu, jeħtieġ li ssir applikazzjoni lil Transport Malta u li, qabel ma tiġi installata, jinkiseb il-kunsens u l-firma tal-persuna li tkun tgħix quddiem il-post fejn tkun se titqiegħed, minħabba l-inkonvenjent li tista' toħloq.

45.5.13 Il-Kunsillier René Abela informa lill-Kunsill li ħajt tas-sejjieħ fi Triq ta' Gulju waqa' kawża tax-xita. Is-Sindku informa lill-Kunsill li dan il-ħajt diġà ġie rrapportat sabiex isir ix-xogħol meħtieġ ta' tiswija. Il-Viċi Sindku informa wkoll lill-Kunsill li ħajt tas-sejjieħ ieħor li waqa' fiż-żona tad-dog park kien ġie rrapportat minnu kwarta wara li waqa'. Madankollu, sal-lum għadu ma sar l-ebda xogħol sabiex il-ħajt jiġi rranġat.

45.5.14 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet il-ħtieġa li jiġu installati żewġ zebra crossings, waħda quddiem l-iskola u l-oħra quddiem il-ground tal-futbol. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tivverifika jekk dawn iż-żewġ zebra crossings kinux diġà ġew mitluba mill-Kunsill

mingħand Transport Malta u, jekk ikun meħtieġ, terġa' tikkuntattja lil Transport Malta sabiex issegwi din it-talba.

45.5.15 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak ipproponiet li t-tiżjin tal-Milied fit-toroq tal-Qala jinxtegħel mill-1 ta' Diċembru. Hija semmiet ukoll biex jitqiegħdu żewġ Christmas trees, waħda fil-Pjazza prinċipali u l-oħra fil-Pjazza tal-Kunċizzjoni. Għal din is-sena, hija pproponiet ukoll li fil-Pjazza tal-Kunċizzjoni jitqiegħed presepju. Il-Kunsilliera Cassar Mejlak talbet lil-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex tikkuntattja lis-Sur Joseph Cauchi, sabiex jiġi diskuss l-arranġament relatat mal-presepju. Hija talbet ukoll li, f'każ li jkun hemm xi problema jew diffikultà relatata mal-post fejn għandha titwaħħal il-Christmas tree fil-Pjazza tal-Kunċizzjoni, hija tiġi infurmata.

.

45.5.16 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak semmiet li hemm tabella bi stil antik li għandha titwaħħal ħdejn il-bankina tal-proprjetà tal-Lellux Guest House. Hija nnotat li s-sid tal-proprjetà qablet li t-tabella titwaħħal f'dak il-post. Is-Sindku spjega li t-tabella għadha ma twaħħlitx peress li l-ewwel irid jiġi vverifikat jekk hemmx xi wires jew servizzi oħra għaddejjin minn taħt il-bankina. Għaldaqstant, il-Kunsill se jikkuntattja lill-Enemalta sabiex jiġi kkonfermat jekk ix-xogħol jistax isir. Jekk tingħata l-approvazzjoni meħtieġa, it-tabella tkun tista' titwaħħal. Is-Sindku staqsa wkoll jekk kienx hemm xi problema sabiex it-tabella titwaħħal mal-ħajt f'dak il-post, u l-Kunsilliera spjegat li dan ma kienx possibbli. Għaldaqstant, peress li fil-ħajt hemm żewġ bibien imdaħħla 'l ġewwa u hemm possibilita' kbira li minn hemm jgħaddu diversi wajers jew servizzi oħra, il-Kunsill se jivverifika jekk ix-xogħol jistax isir. Jekk tinkiseb l-approvazzjoni meħtieġa, it-tabella tkun tista' titwaħħal.

45.5.17 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak esprimiet ix-xewqa li tkun infurmata aktar dwar il-laqgħat u s-sessjonijiet dwar is-saħħa li se jiġu organizzati mill-Kunsill, peress li dawn jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba tibgħatilha aktar informazzjoni dwar dawn il-laqgħat u s-sessjonijiet.

45.6 Komunikazzjoni mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv

45.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li, minħabba li għadha kif bdiet tokkupa l-kariga, ma kellhiex biżżejjed żmien sabiex tipprepara l-materjal kollu meħtieġ għal din il-laqgħa. Is-Sindku żied jgħid li, minkejja li kienet fuq leave għal ġimgħa, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv xorta kompliet tiddedika l-ħin tagħha għall-ħidma tal-Kunsill, fosthom billi ħadet ħsieb il-preparazzjoni u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-fondi relatati mal-Kultura.

45.6.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-Administration Officer talbet sabiex 108 siegħa mill-leave dovut tagħha għal din is-sena jiġu trasferiti għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din it-talba.

45.7 Fanali ġodda – roundabout fi Triq Wied is-Simar

45.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, issa li ġiet irranġata l-installazzjoni tal-elettriku tar-roundabout, ġie mitlub li jinbidlu l-fanali eżistenti u jsiru simili għal dawk li hemm madwar il-bust ta' Patri Ġużepp Portelli. Is-Sindku staqsa lill-Kunsill jekk jaqblux ma' din il-proposta, u l-Kunsill qabel unanimament li jsir dan it-tibdil.

45.8 Aġġornament dwar il-proġett – Ġnien il-Familja

45.8.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li, fir-rigward ta' dan il-proġett, il-Kunsill qed jistenna li l-pjanti jiġu ffinalizzati. Il-Kunsillier Karl Buttigieg staqsa kemm ġew allokati fondi għal dan il-proġett. Is-Sindku spjega li l-ammont tal-fondi se jitħabbar minn Project Green il -Ministeru li jaqa' taħt l-Ministru Miriam Dalli, iżda informa lill-Kunsill li ġie allokat ammont sostanzjali sabiex jitwettaq proġett ta' livell għoli u modern.

45.9 Tender – Triq il-Kunċizzjoni c/w Triq is-Salib;

45.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien hemm tmien persuni interessati fil-proġett tas-salib. Il-persuna responsabbli mill-ġbir tal-offerti kienet tikkuntattja lis-Segretarju Eżekuttiv ta' qabel għal xi kjarifiki, iżda ma kienet tirċievi l-ebda risposta. Għaldaqstant, il-Kunsill issa se jkun qed joħroġ sejħa għall-offerti ġdida. Is-Sindku spjega li dan il-proġett kien ġie applikat għalih għall-ewwel darba fl-2021, meta Ambjent Malta kienet allokat is-somma ta' €5,965. Din is-somma issa qed tintalab lura. Fl-2021, l-ispiża tal-proġett kienet stmata għal madwar €23,800. Fid-dawl taż-żieda fl-ispejjeż matul is-snin, huwa mistenni li l-ispiża attwali tal-proġett tkun ogħla minn din iċ-ċifra. Qed jiġu esplorati skemi oħra ta' finanzjament li permezz tagħhom il-Kunsill ikun jista' japplika għal fondi ġodda sabiex jitwettaq il-proġett. Is-Sindku informa lill-Kunsill li, għalissa, il-Kunsill qed jikkonsulta mad-DLG sabiex jara jekk huwiex possibbli li l-fondi allokati għall-proġett tal-Ġnien tal-Familja jiġu trasferiti għall-proġett Tas-Salib. Is-Sindku żied jgħid li għall-proġett tal-Ġnien tal-Familja ġiet allokata somma sostanzjali li, skont il-pjanijiet tal-Kunsill, għandha tkun biżżejjed sabiex jitwettaq il-proġett. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Kunsillieri jekk jaqblux li jiġi ppreżentat *Change Request* lid-Dipartiment sabiex il-fondi li kienu ġew allokati għall-proġett tal-Ġnien tal-Familja jintużaw għall-proġett ta' Tas-Salib u l-Funtana. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv spjegat li, peress li l-proġett tal-Ġnien tal-Familja se jkun iffinanzjat kollu kemm hu minn Project Green, ikun opportun li l-fondi oriġinarjament allokati għal dan il-proġett jiġu trasferiti u jintużaw għall-proġett ta' Tas-Salib u l-Funtana. Il-Kunsill qabel li ssir talba għal *Change Request* lid-Dipartiment. Madankollu, l-

Aġent Segretarju Eżekuttiv għandha tivverifika l-BOQs, u l-materja terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

45.10 Korrispondenza, materji amministrattivi, ilmenti u suġġerimenti;

45.10.1 Il-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak talbet sabiex jingħatawha xi kotba biex tieħu magħha waqt iż-żjara li se tkun qed tagħmel fi Brussell. Hija spjegat li xtaqet tieħu magħha xi pubblikazzjonijiet relatati mal-Qala, li se jiġu ppreżentati f'Dar Malta fi Brussell. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li se tivverifika x'kotba u pubblikazzjonijiet huma disponibbli u tippreparahomlha. Is-Sindku kkonferma li tista' tieħu magħha dawk il-pubblikazzjonijiet li jkunu disponibbli.

45.10.2 Il-Kunsillier René Abela staqsa lill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak dwar l-organizzazzjoni tat-trasport għall-attività Chocolate Fest fil-Ħamrun, peress li s-soltu kienet tkun hi li tieħu ħsieb dan l-arranġament. Il-Kunsilliera Cassar Mejlak uriet ix-xewqa li din l-inizjattiva terġa' tiġi organizzata u spjegat li, skont id-domanda li jkun hemm, jiġi organizzat xarabank jew minivan. Ir-residenti se jintalbu jħallsu l-istess tariffa li kienet ġiet applikata s-sena li għaddiet. It-trasport ikun minn Ċirkewwa sal-Ħamrun u lura, filwaqt li t-trasport mill-Mġarr, Għawdex, sa Ċirkewwa ma jkunx inkluż.

45.10.3 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li rċeviet email mingħand l-Għaqda Briju rigward it-trasport mill-Qala lejn il-Virtu Ferry Terminal, il-Marsa, u lura. Il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tiġi approvata.F

45.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

45.11.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Iskeda ta' Pagamenti Nru. 08/2026, li kienet tqassmet qabel il-laqgħa, sabiex jiġu approvati l-pagamenti elenkati fiha. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li l-pagamenti msemmija fl-iskeda għandhom isiru permezz tas-sistema tal-Internet Banking. L-Iskeda ta' Pagamenti Nru. 08/2026, kif ippreżentata, ġiet approvata mill-Kunsill. Kopja tal-iskeda approvata qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

45.12 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

45.12.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:02pm u ġiet aġġornata. Il-laqgħa li jmiss tal-kunsill ser isir it-Tnejn id-dsatax (19) ta' Ottubru fl-4:30pm.

Konfermati, illum 19 ta’ Ottubru 2026.

Iffirmata

Paul Buttigieg

Sindku

Iffirmata

Jeanette Grima

Segretarju Eżekuttiv